MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2006

Numru. 11/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Louise Calleja**

**Vs**

**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **OMISSIS** gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2004, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, *film, video recording* jew xbieha elettronika indecenti ta' persuna ta' taht l-eta, jew qassam jew wera ritratt, *film, video recording* jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, *film, video recording* jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn, liema reat hu aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn r-ritratti, *films, video*

*recordings* jew xbiehat elettronici indecenti juru persuni ta' taht l-eta li ma kienux ghalqu d-disa' snin.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha ta' April 2005 esibit a fol 7 tal-atti markat bhala dokument CSH 2, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin ta' April 2005, li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan wara li nghata zmien xieraq sabiex iwiegeb.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tat-tlettax ta' Settembru 2005.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi a bazi tal-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti nnominat lil Probation Officer Trevor Calafato sabiex ihejji *pre sentencing inquiry report* fuq l-imputat u dan bil-ghan li jghin lil Qorti tasal ghal x'tip ta' sentenza tkun l-ahjar fic-cirkostanzi.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Ottubru 2005, xehed l-Probation Officer Trevor Calafato w esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dokument 'TC'.
Illi l-Qorti semghet wkoll lil partijiet jittrattaw r-rapport w il-kwistjoni ta' piena fis-seduta tat-tmienja ta' Novembru 2005.

Minn ezami ta' dan r-rapport jirrizulta li l-imputat trabba f'familja fejn il-ġenituri tiegħu kienu t-tnejn għalliema. L-imputat kellu tfulija kuntenta u kien anke jiffrekwenta l-Muzew fejn kellu diversi ħbieb.

L-imputat huwa mizzewweg u qed jistenna tarbija. Mill-aspett t'impjieg, l-imputat jimpenja ruhu fix-xoghol tieghu bhala ghalliem kif wkoll jaghmel tiswijiet fuq *computers* fuq basi *part time*.

Matul il-gbir tal-provi tar-rapport tal-Probation Officer, jidher li l-imputat ikkollobora mad-direttivi moghtija lilu. Fil-fatt l-istess Ufficjal jghid li l-imputat huwa konxju hafna li dan il-kaz jista jeffettwalu l-posizzjoni tal-impjieg tieghu u jixtieq li dan il-kaz jinghalaq fl-iqsar zmien possibbli.

Il-Qorti ezaminat wkoll l-fedina penali tal-imputat esibit fl-atti a fol 229 markata bhala dokument CSH 1, minn fejn jirrizulta li l-imputat huwa *a first time offender*, bla ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni fuq l-fedina penali tieghu.

L-Ufficjal tal-Probation hass, fid-dawl tal-informazzjoni migbura f'dan r-rapport, li piena ta' prigunerija tista tkun ferm ta' detriment meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz w ghalhekk issuggerixxa sentenza bbazata fil-komunita b'element ta' supervizjoni.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 208A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ssib lil imputat OMISSIS hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi billi** tilqa r-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation billi **tpoggi lil hati taht Ordni ta' Probation ghal perjodu massimu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li jzomm boghod mill-hajja kriminali u bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili** u dan taht l-kundizzjonijiet segwenti:

**1. Li l-imputat probationer OMISSIS ghandu, matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin, igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputat probationer OMISSIS ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment hu ghandu, jekk l-istess Probation Officer jkun jrid hekk, jircievi zjarat min ghandu fid-dar fejn qed jirrisjedi;**

**3. Illi l-imputat probationer OMISSIS ghandu jghix fir-residenza tieghu tul l-perjodu kollu ta' tlett snin u jkun jista jbiddel tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**
**4. Illi l-imputat probationer OMISSIS ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationer;**

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputat probationer u x'jigri jekk jonqos li josservaha u l-imputat probationer iddikjara li fehem ben tajjeb.

**Il-Qorti tordna li din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**Tordna wkoll, minhabba c-cirkostanzi u sabiex jigi evitat allarm f'socjeta zghira bhal din f'Ghawdex, li isem u l-konnotati tal-imputat ma jigux imxandra fuq kull mezz tax-xandir.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------